# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tat-2 ta' Diċembru 2024**

**Talba nru. 124/2022 IS**

**CHARLES CATANIA (I.D. 513755 (M)) U DORIS CATANIA (I.D. 717955 (M))**

***VERSUS***

**SOĊJETA' FILARMONIKA LA STELLA**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fil-5 ta' Mejju 2022 (a fol. 3 et seq), l-atturi talbu l-ammont ta´ elf erba mija u tmenin Ewro (Eur 1,480.00) li skond l-atturi huma rappreżentanti danni kkaġunati mis-soċjeta' konvenuta, kif ukoll l-imgħax legali u l-ispejjeż.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal tat-23 ta' Ġunju 2022 fejn l-atturi ġew awtorizzati jipproċedu bin-notifika tas-soċjeta' konvenuta (a fol. 12 u 13).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ġiet debitament notifikata fis-6 ta' Lulju 2022 (a fol. 14).

Ra illi s-soċjeta' konvenuta ippreżentat ir-risposta tagħha fit-13 ta' Lulju 2022 (a fol. 17).

Ra illi saru diversi seduti fir-rigward ta´ dan il-każ u xehdu diversi persuni.

Ra illi fl-24 ta' Jannar 2024, l-atturi għalqu il-provi tagħhom (a fol. 54).

Ra illi fl-24 ta' Ġunju 2024, is-soċjeta' konvenuta għalqet il-provi tagħha (a fol. 97).

Ra illi fis-16 ta' Ottubru 2024, il-partijiet iddikjaraw provi magħluqa (a fol. 136).

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

<u>Ikkunsidra</u>
Din it-talba hija fir-rigward ta' allegazzjoni ta' danni sofferti mill-atturi meta s-soċjeta' konvenuta kienet qed taħraq in-nar tal-festa mill-għalqa li hija mikrija lill-atturi.

Ma hux kontestat bejn il-partijiet illi l-għalqa in kwistjoni hija magħrufa bħala Rihana Imsaqqfa I Gudja u tinsab fi Sqaq Ħabel Wati, il-Gudja. Ma hux anqas kontestat bejn il-partijiet illi d-data in kwistjoni hija s-6 ta' Ottubru 2019.

Biss pero' huwa kontestat bejn il-partijiet il-valur tad-danni allegatament sofferti mill-atturi. Sabiex it-Tribunal jiddeċiedi fuq il-valur tad-danni allegatament sofferti mill-atturi o meno, dan it-Tribunal ser l-ewwel iqis it-titolu tal-atturi fuq l-għalqa u anke d-dritt tas-soċjeta' konvenuta fuq l-għalqa fejn wara ser jiddetermina id-danni o meno sofferti mill-atturi u fl-aħħar l-ammont dovut lill-atturi mis-soċjeta' konvenuta għad-danni sofferti o meno.

<u>Id-dritt tal-atturi u tas-soċjeta' konvenuta fuq l-għalqa in kwistjoni</u>

L-atturi jikkontendu fl-avviż tat-talba illi l-għalqa hawn fuq imsemmija kienet fil-pussess tagħhom fid-data tas-6 ta' Ottubru 2019 b'dan illi pero' għandhom l-obbligu illi jħallu lill-Każin tal-Gudja biex jaħarqu n-nar minn ġo fiha għall-festi (a fol. 3). L-attur Charles Catania ukoll jiċċara fl-affidavit tiegħu li kien ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2023 illi huwa ilu jikri din l-għalqa hawn fuq imsemmija mis-sena 2013 (a fol. 28). Is-soċjeta' konvenuta tikkonferma wkoll *tramite* Michel Mifsud, li huwa l-President tas-soċjeta' konvenuta, illi Charles Catania, u ċioe' l-attur, huwa l-kerrej tal-għalqa in kwistjoni fin-numru 6 tal-affidavit maħluf minnu fis-27 ta' Frar 2024 u ippreżentat fit-28 ta' Frar 2024 (a fol. 57). Matthew Falzon, li huwa l-*licensee* tal-kamra tan-nar La Stella Fireworks Factory tal-Gudja, ukoll xehed fl-20 ta' Mejju 2024 illi l-attur huwa meqjus bħala is-sid tal-għalqa in kwistjozni (a fol. 85). Ikkonferma wkoll dan il-fatt Martin Bajada li deher f'isem id-Dipartiment tal-Artijiet meta xehed fl-24 ta' Ġunju 2024 (a fol. 98). B'mod iktar konkret fuq dan il-punt, dan it-Tribunal seta' jara illi mid-dokumenti eżebiti minn Martin Bajada jidher illi l-attur Charles Catania biss huwa msemmi, u ċioe' rikonoxxut bħala l-kerrej tal-għalqa in kwistjoni (a fol. 116), b'dan illi pero' kopja tal-ittra li tinsab a fol. 117, kopja tal-

ftehim tal-kundizzjonijiet speċjali għall-kiri ta' fond proprjeta' tal-uffiċju konġunt li tinsab a fol. 118 u anke x-xhieda tal-istess Martin Bajada tal-24 ta' Ġunju 2024 (a fol. 98) tindika illi fil-verita' mart l-attur Charles Catania hija wkoll parti minn din il-kirja. Dan it-Tribunal seta' jara illi tali fatt seta' seħħ minħabba illi min-naħa l-waħda l-attur Charles Catania huwa l-gabillott reġistrat, u dan skond il-kundizzjonijiet ġenerali tal-kirja agrikola (qbiela) (a fol. 112 sa 115) iżda min-naħa l-oħra huwa legalment miżżewweġ lill-attriċi Doris Catania fejn tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet. Għal kull buon fini, dan it-Tribunal seta' jara li ħadd mill-partijiet ma kkontesta l-fatt illi l-attriċi ma kellix tkun parti minn dawn il-proċeduri. B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal m'għandu ebda dubju illi l-atturi kellhom dritt illi jintavolaw dan l-avviż tat-talba fuq l-għalqa imsemmija hawn fuq peress illi din l-għalqa kienet fil-pussess tagħhom fis-6 ta' Ottubru 2019.

Dan it-Tribunal irid ukoll iqis min kellu jkun il-konvenut indikat f'din it-talba. Michel Mifsud, li huwa "*l-President tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella sa mill-2014*" (a fol. 57), skond l-affidavit tiegħu maħluf minnu fis-27 ta' Frar 2024 u ppreżentat fit-28 ta' Frar 2024, hija fil-fatt is-soċjeta' konvenuta indikata mill-atturi li trid tkun parti minn din il-kawża u l-ebda persuna oħra. Fil-fatt, Michel Mifsud jikkontendi fl-affidavit tiegħu hawnhekk imsemmi illi "*2. Is-Soċjeta Filarmonika La Stella hi l-istakeholder ewlenija għall-organizazzjoni tal-Festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-Gudja u dak kollu li għandu x'jaqsam mal-festa ... 3. Fost dan hemm ukoll l-organizazzjoni tal-logħob tan-nar li jiġi maħdum minn nies tagħna stess f'kumpless appożitu għal dan*" (a fol. 57). Is-soċjeta' konvenuta hija wkoll indikata bħala l-persuna responsabbli fejn jidħol in-nar tal-festa fuq il-ftehim iffirmat bejn l-istess soċjeta' konvenuta u l-attur Charles Catania, liema kopja tal-ftehim tinsab a fol. 4. B'dan illi għaldaqstant, dan it-Tribunal m'għandu ebda dubju illi is-soċjeta' konvenuta hija l-persuna li kellha tkun parti minn din it-talba.

<u>Ħsarat sofferti mill-atturi fis-6 ta' Ottubru 2019 u r-responsabbilita' tas-soċjeta' konvenuta o meno</u>

L-atturi kkontendew fl-avviż tat-talba illi waqa' xi nar fuq il-ħażna tal-felu li kien hemm f'din l-għalqa u fuq xi batteriji b'dan illi dan il-felu kif ukoll dawn il-batteriji li kienu fl-għalqa sfaw maħruqa.

L-attur Charles Catania ukoll għamel rapport lill-Pulizija fir-rigward ta' dawn il-ħsarat, fejn kopja ta' dan ir-rapport tinsab a fol. 6 sa 9 u 50 sa 53. F'dan ir-rapport, l-attur jirreferi għal ħsarat oħra pero' isostni wkoll illi dawn il-ħsarat li huma oltre' l-felu u l-batteriji ser jirranġahom hu jew se jirranġa ma' tal-Każin sabiex jirranġawhomlu. Fil-fatt, ir-rapport jindika illi "*Il-hajt tas-sejjieh se jiprovaw issewih il-kwerelant u sigar tal-Lews se jiftemu ma laqda tan-nar*" (a fol. 9 u 53).

L-attur reġa' ikkonferma d-data tal-ħsarat u anke x'kienu l-ħsarat fl-affidavit tieghu li kien ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2023 u li jinsab a fol. 28 sa 31 kif ukoll ippreżenta kopja tar-ritratti tal-imsemmija ħsarat li tinsab a fol. 37 sa 40. Fl-affidavit hawn imsemmi, l-attur qal illi "*11. Illi nhar il-Ħadd, 6 ta' Ottubru 2019 ghall-habta tad-9 ta' billejl, is-Socjeta' konvenuta kienet qed tahraq in-nar tal-festa minn gewwa r-raba' surrefita ... 14. Illi kif wasalt fl-ghalqa rajt il-maghlef li konna stivajna fuq il-bejt jaqbad ... 21. Illi jiena segwejt il-conduit li jghaqqad il-batteriji mad-dawl u narah mahruq u mdewweb kollu, u dan kif evidenti mir-ritratt numru 3 f"DOK CC2*"" (a fol. 29) ... "*31. Illi l-conduit meta inharaq ikkawza short fl-4 batteriji li kellna u ghalhekk dawn ukoll kellna nibdluhom*" (a fol. 30). Irrefera wkoll għal ħsarat oħra li huwa jallega li sofra b'dan illi pero' ikkonferma fl-istess affidavit illi "*35. Illi allura ahna kull ma rridu huwa l-flus li infaqna ghall-felu li nharqilna u l-batteriji, ghaliex huma dawk l-iktar afarijiet importanti u li swewna flus*" (a fol. 30).

Is-soċjeta' konvenuta *tramite* diversi persuni hawn taħt imsemmija wkoll ikkonfermat u kkorroborat il-ħsarat sofferti mill-atturi fejn liema ħsarat kienu jikkonsistu fil-magħlef u fil-batteriji.

Michel Mifsud, għan-nom tas-soċjeta' konvenuta, ammetta fl-affidavit tiegħu maħluf fis-27 ta' Frar 2024 u ppreżentat fit-28 ta' Frar 2024 illi fis-6 ta' Ottubru 2019, l-atturi soffrew "*18. ... danni kkaġunati minn nirien li kien hemm kawża tal-ħarqa tal-logħob tan-nar fl-okkażjoni in kwistjoni, jiġifieri dik ta' Ottubru 2019*" (a fol. 58).

Ikkonferma wkoll tali fatt Matthew Falzon meta xehed fl-20 ta' Mejju 2024 u li huwa l-*lincensee* tal-kamra tan-nar La Stella Fireworks Factory tal-Gudja, fejn liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 92, u huwa xehed is-segwenti:
"*Dr Marcus Ciantar: Issa jien qed insaqsik jekk taqbilx li l-ħsara saret fil-magħlet li kien hemm fuq il-bejt u fil—batteriji li spjega s-Sur Charles Catania.*
*Xhud: Iva ovvja ovvja minn hemmhekk.*"

Matthew Falzon reġa' għal darb'oħra ikkonferma fix-xhieda tiegħu fl-istess ġurnata hawn fuq imsemmija dwar liema kienu dawn il-ħsarat, fejn din il-parti mix-xhieda tinsab a fol. 94, fejn huwa xehed is-segwenti:
"*Dr Alessandro Farrugia: Ok. Meta ngħidu l-ħsarat li saru, inti taf dawn il-ħsarat x'inhuma, semmihom il-kollega wkoll.*
*Xhud: Iva.*
*Dr Alessandro Farrugia: X'inhuma?*
*Xhud: Li qabad il-magħlef tat-tiben u qabdu l-batteries tal-panelli.*"

Għaldaqstant, dan it-Tribunal m'għandu ebda dubju x'tip ta' ħsarat kienu sofferti mill-

atturi.

Biss pero' issa it-Tribunal irid jiddeċiedi min hu responsabbli għal dawn il-ħsarat, u ċioe' jekk hux l-atturi infushom jew is-soċjeta' konvenuta.

Bħala punt tat-tluq fuq dan il-punt tar-responsabbilita', l-ewwelnett dan it-Tribunal għandu jeżamina l-Artikolu 1031 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jipprovdi illi "*Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu*" u l-Artikolu 1032 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, imbagħad jispjega xi tfisser meta persuna tkun bi ħtija. Tali artikolu tal-Liġi ġie wkoll diskuss fid-dettall mill-Onorabbli Qorti fis-sentenza ***Margaret Mary Barry (Passaport Irlandiż numru PD9840331) v. Ic-Chairman u l-Bord tad-Diretturi Ajruport Internazzjonali ta' Malta Malta International Airport plc*** datata 16 ta' Mejju 2023[1], fejn il-Qorti qalet illi "*Fi ftit kliem, iwieġeb għal ħsara ta' ħadd dak li b'għemilu mingħajr ħtieġa ta' ħsieb anzi b'nuqqas tiegħu jikkawża danni lil ħadd. Dan in nuqqas ta' ħsieb irid iwassal għal xi nuqqas ta' osservanza ta' obbligu taħt il-liġi imnissel mill-prinċipju ta' "duty to take due care". Dan huwa ukoll konformi mal-prinċipju l-ieħor ġenerali li huwa "d-dover li jiehu hsieb li ma jigrix id-dannu hu ta' min ikun ser jaghmel l-att li mbaghad igib id-dannu" (Vol. XLII P I p 7). Issa bil-kelma "att" il-liġi tifhem, kemm jekk ikun wieħed b'kummissjoni u anke b'ommissjoni, bħal meta n-nuqqas ta' manutenzjoni ta' propjeta' tikkawża dannu lil ħadd ieħor.*"

It-tieni, dan it-Tribunal irid iqis ukoll il-kundizzjonijiet speċjali għall-kiri ta' fond proprjeta' tal-uffiċju konġunt, li kopja tagħhom tinsab a fol. 35 u 127. L-atturi stess jafu li jridu jsegwu dawn il-kundizzjonijiet, hekk kif fil-fatt l-attur, Charles Catania, aċċenna ukoll fl-affidavit tiegħu ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2023 (a fol. 28). L-ewwel kundizzjoni tipprovdi illi "*Fix-xhur ta' Awwissu, Settembru u Ottubru ta' kull sena, l-kerrej hu obbligat li, mingħajr ebda dritt għal kumpens, jħalli dan is-sit battal minn kwalunkwe prodott agrikolu, u jgħaddi l-użu ta' dan is-sit lill-persuni awtorizzati mill-Awtoritajiet kompetenti, sabiex jinħaraq in-nar tal-festi li jiġu organizzati f'dawn l-istess xhur fil-Gudja.*" L-attur fl-affidavit ippreżentat minnu fl-10 ta' Ottubru 2023 jgħid "*4. Illi ghalhekk, ta' kull sena, qisu fix-xahar ta' Mejju, jiena nahsad il-prodott agrikolu li nkun kabbart fl-ghalqa u nhalliha battala minn kwalunkwe prodott agrikolu imhawwel jew mizrugh ...*" (a fol. 28). Ukoll fuq dan il-punt, xehed Martin Bajada mid-Dipartiment tal-Artijiet fl-24 ta'Ġunju 2024, u fejn parti mix-xhieda tinsab a fol. 107 sa 109, fejn xehed illi l-makkinarju bl-ebda mod ma jitqies li hu prodott agrikolu u li "*Dik hija l-kundizzjoni. Inti trid taħseb li meta ġa taħseb il-prodott ħa tiżirgħu, sa dak iż-żmien tkun wasalt li qlajtu.*" Fir-rigward tal-kelma prodott agrikolu jista' jidher li kien hemm kunflitt fix-xhieda ta' Martin Bajada hawnhekk insemmija peress illi huwa ukoll ikkonferma fl-istess xhieda hawnhekk imsemmija lit-Tribunal illi prodott

[1] Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 401/2019

agrikolu jfisser ukoll anke prodott li jkun inqala' imma jinsab fil-post (a fol. 109). Biss pero', Martin Bajada wkoll ikkonferma fl-istess xhieda tiegħu hawnhekk imsemmija illi " *... suppost agrikolu, imma aħjar jgħidu agriculture officer ...*" (a fol. 106).

It-tielet, dan it-Tribunal irid iqis ix-xhieda ta' Matthew Falzon, li huwa l-*licensee* tal-kamra tan-nar La Stella Fireworks Factory tal-Gudja, fejn xehed fl-20 ta' Mejju 2024, illi huwa normali li jistgħu jaqbdu xi affarijiet (a fol. 87). Michel Mifsud ukoll aċċenna fl-affidavit tiegħu maħluf fis-27 ta' Frar 2024 u ppreżentat fit-28 ta' Frar 2024 illi "*13. ... tant hu hekk li għalhekk ikun hemm il-fire engine fuq il-post, ... u kif ukoll issir polza tal-assikurazzjoni*" (a fol. 58) u anke xehed l-istess fis-16 ta' Ottubru 2024 fejn liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 137.

Biss pero', Mattew Falzon kompla jixhed fl-20 ta' Mejju 2024 illi "*F'dak il-każ partikolari n-nar xorta ħraqnieh; allavolja għednielu jiġifieri, u qabad ... qabad it-tiben*" (a fol. 95).

Għaldaqstant, dan it-Tribunal irid japplika il-liġi hawn fuq imsemmija u dawn il-kundizzjonijiet fl-interpretazzjoni mogħtija mill-Onorabbli Qorti fis-sentenza hawn fuq imsemmija fejn huwa ċar illi persuna li tista' tikkaġuna d-danni trid toqgħod attenta li ma tikkaġunax dawn id-danni għaliex inkella tkun responsabbli għal dawk id-danni sofferti mill-parti l-oħra. Għalhekk, ġjaladarba is-soċjeta' konvenuta kienet taf li hemm il-magħlef u l-batteriji fl-għalqa u xorta waħda ħarqet in-nar, is-soċjeta' konvenuta hija responsabbli *in toto* għall-ħsarat li ġarrbu l-atturi. Is-soċjeta' konvenuta hija unikament responsabbli għall-ħsarat li ġarrbu l-atturi minħabba nuqqas ta' diliġenza min-naħa tas-soċjeta' konvenuta skond kif titlob il-Liġi.

<u>Ammont ta' danni sofferti mill-atturi fis-6 ta' Ottubru 2019</u>

Ġjaladarba dan it-Tribunal ikkonkluda illi s-soċjeta' konvenuta hi responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi fis-6 ta' Ottubru 2019, it-Tribunal irid issa jħares lejn l-ammont ta' danni dovuti mis-soċjeta' konvenuta lill-atturi o meno.

Filwaqt illi l-atturi ipprovdew karti lis-soċjeta' konvenuta tal-ammont ta' danni sofferti minnhom, is-soċjeta' konvenuta ikkontendiet illi hi anke li kieku riedet, ma setgħetx tħallas lill-atturi tal-ħsarat għaliex l-atturi ma pprovdewx irċevuti fiskali. Michel Mifsud,li huwa il-President tas-Soċjeta' Filarmonika La Stella, skond l-affidavit tiegħu maħluf minnu fis-27 ta' Frar 2024 u ppreżentat fit-28 ta' Frar 2024, qal illi s-soċjeta' konvenuta kienet lesta li tħallas lill-atturi iżda l-atturi kellhom jippreżentaw, skond is-soċjeta' konvenuta, fosthom, "*... ii. kopji tal-irċevuti tal-appart imsemmi li ġarrab din il-ħsara, allura il-batteriji; ... iii. Kopja tax-xiri tal-magħlef imsemmi*" (a fol. 59).

L-attur Charles Catania għamel rapport lill-Pulizija fir-rigward ta' dawn il-ħsarat bħala ammont ta' danni, fejn kopja ta' dan ir-rapport tinsab a fol. 6 sa 9. Dan ir-rapport jipprovdi illi "*Illum gew l-ghassa taz-Zejtun Charles u Jason Catania biex jghatu s-stima tal-hsarat. Huma qalu li bhalissa balal ta' Malta bhal li gie meqrud mhawx u se jkollhom jixtru dak ta' barra imma se jixtru 20 balla biss ghax huwa aktar ghali huma tkelmu ma Leone Feeds li qal li kull balla tiswa bil-8.50 euro ta' barra. Charles stqarr li cempel lil Schembri Battries li qalu li kull battery ta 6 volts 245Ah bhal tal-solar panal li ghandu l-kwerelant huma ta valur 290 euro l-wahda*" (a fol. 9).

Pero', fl-affidavit tiegħu, l-attur Charles Catania li kien ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2023 u li jinsab a fol. 28 sa 32, qal illi "*30. ... xtrajna biss 40 balla ghax swewna € 320*" (a fol. 30) u ippreżenta wkoll mal-avviż tat-talba *quotation* li turi l-ammont ta' Eur 320 (a fol. 10). Fl-istess affidavit, l-attur ipprovda dettalji preċiżi kemm kien jiswa l-għalf ta' Malta u għaliex xtara minn ta' barra u l-ammont li xtara. L-attur, Charles Catania, xehed in kontro-eżami fis-16 ta' Ottubru 2024 sabiex jiċċara għal darb'oħra kemm kien jiswa l-magħlef u għaliex ma kellux irċevuta fiskali, fejn liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 143, u fejn xehed is-segwenti: " ... *Dan aħna konna xtrajnih, is-sinjur jaf, jgħidulu Katusu, dan bidwi normali, sewwa? ... pero' riċevuta ma jagħtikx. Il-bidwi ma jagħtux irċevuta*" u a fol. 144 fejn xehed illi "*Hawnhekk hawn three hundred twenty Euros (€300) l-ammont li konna ha nixtru. Issa bl-eight Euros (€8)-il balla*." Dan it-Tribunal jinnota illi il-kliem u n-numri ma jaqblux fit-traskrizzjoni li tinsab fl-atti tal-proċess iżda l-karti eżebiti fil-proċess huma ċari fuq kemm kien verament l-ammont. Fil-fatt, il-kopji tal-*quotation* li jinsabu a fol. 10 u a fol. 62 juru li l-ammont huwa ta' Eur 320.

Fir-rigward tal-batteriji, fl-affidavit tiegħu, l-attur Charles Catania li kien ippreżentat fl-10 ta' Ottubru 2023 u li jinsab a fol. 28 sa 31, qal "*31. Illi l-conduit meta inharaq ikkawza short fl-4 batteriji li kellna u ghalhekk dawn ukoll kellna nibdluhom*" (a fol. 30) u ikkonferma għal darb'oħra li jiswew Eur 1,160 u ppreżenta karta li hija iffirmata u li turi dan l-ammont fuq il-*letterhead* ta' Schembri Batteries Ltd. fejn liema kopja tal-karta tinsab a fol. 11. F'dan ir-rigward, l-attur Charles Catania xehed ukoll in kontro-eżami fis-16 ta' Ottubru 2024 u liema xhieda tinsab a fol. 143 sa 150 u fejn ukoll fiehem għaliex illi huwa m'għandux irċevuta tal-batteriji iżda il-karta fuq il-*letterhead* fejn xehed illi "*Irċevuta mhux ser jagħtini għax ma xtrajtx għadni*" (a fol. 146) u għamel referenza għall-kopja tal-karta li tinsab a fol. 11 u a fol. 61.

Ġjaladarba hemm diżgwit fuq l-irċevuti, dan it-Tribunal jibda sabiex jaċċenna illi l-Artikoli 558 sa 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirregolaw bis-sħiħ kif il-partijiet fil-kawża għandhom iressqu l-provi tagħhom. It-Tribunal jirrileva illi l-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

B'dan illi pero' dan it-Tribunal jagħraf ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 559 tal-imsemmi Kodiċi illi jipprovdi illi *"Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib."* Tali Artikolu kien hekk diskuss mill-Qorti diversement presjeduta fejn il-Qorti diversement presjeduta irriteniet diversi drabi, fosthom fis-sentenza ***Anthony Xerri (K.I. nru. 209398M) ('ir-rikorrent') vs. Claudette Spencer (K.I. nru. 307378M) u Domnic Spencer (K.I. nru. 443400L) ('l-intimati')***[2] illi *"mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib**."* L-istess qal it-Tribunal diversement presjedut fejn fis-sentenza ***DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO***[3] ikkonkluda illi *"dak li hu importanti ghal-legislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali u/jew dokumentarja) tkun wahda rilevanti ghall-kaz trattat u li l-istess tkun l-ahjar wahda li l-parti tista' toffri jew tressaq."* B'dan illi tali Artikolu pero' ma jistax jinftiehem illi t-Tribunal irid jidderiġi lill-partijiet xi provi jressqu għaliex tali kompitu huwa biss tal-partijiet tal-kawża għaliex inkella it-Tribunal ikun qed iżomm ma' parti jew oħra inġustament u b'dan illi dan it-Tribunal jista' biss imbagħad iħares lejn tali provi mingħajr ma jippreġudika d-dritt ta' xi parti jew oħra.

Ukoll, it-Tribunal ħares bir-reqqa lejn l-Artikolu 1045 (1) tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, liema artikolu jipprovdi illi *"Il-ħsara li l-persuna responsabbli għandha twieġeb għaliha, skont id-dispożizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara, l-ispejjeż li din il-parti setgħet kellha tagħmel minħabba l-ħsara, it-telf tal-paga jew qligħ ieħor attwali, u t-telf ta' qligħ li tbati 'lquddiem minħabba inkapaċità għal dejjem, totali jew parzjali, lidak l-għemil seta' jġib."* B'dan ifisser illi l-leġislatur semma' telf effettiv li l-għemil tagħha jkun ġieb direttament lill-parti li tbati l-ħsara u għaldaqstant, ma hemmx il-bżonn li jkunu ppreżentati fiż-żgur l-irċevuti iżda li persuna tipprova fuq bażi ta' probabbilita' it-telf effettiv minnha soffert. F'dan ir-rigward, dan it-Tribunal ukoll jirreferi għas-sentenza fl-ismijiet ***Michael Zammit (K.I. 596481M) vs Tonio Micallef***[4] mogħtija mill-Onorabbli Qorti diversement presjeduta fejn qalet illi *"Min-naħa tiegħu l-ġudikant hu tenut li jagħti piż debitu lil dawk l-elementi kollha tal-każ konkret akkwiżiti fil-proċess. Fi kliem ieħor hu għandu jipprovdi motivazzjoni loġika tal-kriterji ta' l apprezzament prudenti adottati li juru kif wasal għal-likwidazzjoni tal quantum debeatur."*

Għaldaqstant, it-Tribunal jikkonkludi illi l-karti ipprovduti mill-atturi lis-soċjeta' konvenuta għandhom jitqiesu bħala l-aqwa prova li l-atturi setgħu iġibu u li juru t-telf effettiv soffert mill-atturi. Ukoll, it-Tribunal ħares lejn il-verbal datat 24 ta' Jannar 2024 li jgħid illi "*Dr. Farrugia ghas-socjeta' konvenuta jinforma lit-tribunal illi mhux ha jqajjem talba dwar l-awtenticita tad-dokumenti prezentati mill-atturi*" (a fol. 54) fejn tali affermazzjoni

---

[2] 18 ta' Settembru 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 39/2021

[3] 3 ta' Frar 2020, Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Ref.: 80/2019

[4] 13 ta' Lulju 2023, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 1278/2018

tfisser illi l-kopji tal-*quotation* tal-magħlef u tal-batteriji hawn fuq imsemmija ma kienu qatt kontestati mis-soċjeta' konvenuta u li għalhekk ma kien hemm ebda ħtieġa li jixhdu n-nies in konnessjoni mal-imsemmija kopji tal-karti.

Is-soċjeta' konvenuta setgħet ukoll xtrat l-affarijiet hi u kienet tikkumpensa xorta waħda lill-atturi, li fil-fatt kienu jkunu kuntenti b'dan il-qbil ukoll l-atturi, kif jidher mix-xhieda ta' Michel Mifsud hawnhekk imsemmija. Fil-fatt, Michel Mifsud xehed fuq dan il-punt in kontro-eżami fis-16 ta' Ottubru 2024. Michel Mifsud xehed fuq dan il-punt fl-istess xhieda, u liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 139:
"*Dr Marcus Ciantar: ... Intom stajtu jekk il-kwistjoni kienet ta' fiscal receipts intom stajtu tixtru l-affarijiet intom stess ...*
*Xhud: Teknikament iva.*"

Michel Mifsud reġa' ikkonferma l-istess affermazzjoni hawn fuq imsemmija, u ċioe' illi s-soċjeta' konvenuta setgħet xtrat hi l-affarijiet u għaddiethom lill-atturi fl-istess ġurnata hawn fuq imsemmija, liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 142:
"*Dr Marcus Ciantar: ... kien ikun tajjeb ukoll, kien ikun jaħdem is-sitwazzjoni ... s-soluzzjoni li intom tixtru l-affarijiet intom stess flok tħallsu kumpens lis-Sur Catania; that will have worked.*
*Xhud: Ma nafx. Nimmaġina li jista' jaħdem.*"

Dan it-Tribunal jiċċara illi huwa wasal għall-konklużjoni illi s-soċjeta' konvenuta hi responsabbli għad-danni sofferti mill-atturi fis-6 ta' Ottubru 2019 u għall-ammont ta' danni sofferti mill-atturi lil hinn mill-verbal datat 3 ta' Novembru 2022 jgħid illi "*Dr Ciantar talab jinghata diferiment ghall-probabbli cessjoni*" (a fol. 20) u l-verbal datat 15 ta' Diċembru 2022 illi jgħid illi "*... Dr Marcus Ciantar li nforma lit-Tribunal li t-transazzjoni ma sehhitx*" (a fol. 21).

Inoltre', dan it-Tribunal seta' jara li saret referenza għal diżgwiti li jidher li qamu bejn l-atturi u s-soċjeta' konvenuta tul iż-żmien bħal per eżempju fix-xhieda ta' Martin Bajada liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 102, 104 u 105. Pero' dawn id-diżgwiti li seta' kien hemm jew għad hemm bejn il-partijiet ma huma bl-ebda mod konnessi mad-danni sofferti mill-atturi u għaldaqstant, dan it-Tribunal mhux ser jidħol fil-mertu ta' dawn id-diżgwiti.

<u>Imgħax</u>

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mis-soċjeta' konvenuta lill-atturi, l-atturi qegħdin jitolbu l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni ma hix ta' natura kummerċjali skond il-Liġi Maltija b'dan illi għaldaqstant, għandu japplika

is-sub-artikolu 2 tal-Artikolu 1141 hawn imsemmi, u liema artikolu jipprovdi illi "*F'kull każ ieħor, l-imgħaxijiet għandhom igħaddu minn dak in-nhar illi ssir sejħa għall-ħlas b'att ġudizzjarju, għalkemm fil-ftehim ikun ġie stabbilit żmien għall-esekuzzjoni tal-obbligazzjoni.*" S.L. 12.12 jagħti definizzjoni ta´ att ġudizzjarju fejn tipprovdi illi "*"att ġudizzjarju" tfisser kull att jew skrittura preżentata fir-reġistru, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord f'Malta, u kull att jew skrittura preżentata, jew li toħroġ minn, xi Qorti, Tribunal jew Bord barra minn Malta, li tista', bis-saħħa ta' xi liġi jew trattat, tiġi notifikata lil xi persuna f'Malta, iżda ma tinkludix il-mandati u l-ordnijiet imsemmija fit-Titolu VII tat-Tieni Ktieb ufit-Titolu VI tat-Tielet Ktieb tal-Kodiċi.*" Għal kull buon fini, dan it-Tribunal jiċċara illi filwaqt illi huwa minnu illi liġi sussidjarja trid tkun interpretata fl-ambitu tal-Att ewlieni illi taħtu tkun saret il-liġi sussidjarja, kemm il-Kap. 12 kif ukoll l-Kap. 16 jirregolaw iċ-ċivil, fejn il-Kap. 12 jitkellem fuq il-proċedura u l-Kap. 16 jitkellem fuq is-sustanza, b´dan illi t-tnejn li huma wkoll jitkellmu fuq l-istess prinċipju; l-att ġudizzjarju b´dan illi l-liġi sussidjarja 12.12 tista´ tkun applikata f´termini ta´ definizzjonijiet għall-Kodiċi Ċivili. F'dan il-każ, l-atturi ippreżentaw it-talba tagħhom fil-5 ta' Mejju 2022 u liema huwa att ġudizzjarju b'dan illi pero' illi s-soċjeta' konvenuta ġiet hekk debitament notifikata fis-6 ta' Lulju 2022 b'dan illi tali imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tas-6 ta' Lulju 2022 sad-data tal-ħlas effettiv.[5] Fir-rigward tal-persentaġġ, l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika, sakemm il-partijiet ma jiftiehmux fuq ammonti inqas jew sakemm ma tkunx applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06, u liema żewġ eċċezzjonijiet ma japplikawx f'dan il-każ.

<u>Spejjeż</u>

Bħala spejjeż, dan it-Tribunal seta' jara biss kopja tal-irċevuta tar-rapport tal-Pulizija li tinsab a fol. 5 u li l-ammont huwa ta' Eur 6.99. Ġjaladarba dan it-Tribunal iddeċieda li s-soċjeta' konvenuta hi responsabbli għall-ħlas ta' danni sofferti mill-atturi lill-istess atturi, is-soċjeta' konvenuta trid ukoll tħallas dawn l-ispejjeż.

L-ispejjeż ġudizzjarji jkunu deċiżi fid-***Decide***.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta´ u jiddeċiedi billi jilqa´ t-talba tal-atturi fl-ammont ta´ elf erba mija u tmenin Ewro (Eur 1,480.00) li huma rappreżentanti danni kkaġunati mis-soċjeta' konvenuta kif ukoll l-ispejjeż ta' sitt Ewro u disgħa u disgħin Ewro (Eur 6.99) kif ukoll l-imgħax legali ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena li għandu jibda jiddekorri mid-data

[5] Vide ***MICHAEL DEBONO LIMITED VS. CARMELO CATANIA*** (13 ta' Jannar 2023, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 725/2022) fejn il-Qorti qieset minn meta jibda jiddekorri l-imgħax

tas-6 ta' Lulju 2022 sad-data tal-ħlas effettiv[6] u jikkundanna lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas dan l-imsemmi ammont lill-atturi.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma´ dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tas-soċjeta' konvenuta.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur

[6] Vide ***MICHAEL DEBONO LIMITED VS. CARMELO CATANIA*** (13 ta' Jannar 2023, Prim'Awla Qorti Ċivili, Ref.: 725/2022) fejn il-Qorti qieset minn meta jibda jiddekorri l-imgħax